# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 13**

**Rikors numru 799/2006 SM**

**Victoria Galea**

**v.**

**Mary Casingena; Margaret Galea f'isimha proprju u bhala prokuratrici ta' l-assenti hutha Sir Alfred Cuschieri residenti l-Iskozja, u Dr. Anthony Cuschieri residenti fil-Kanada; Magdalene Sofia sive Gloria Cuschieri**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors guramentat ta' Victoria Galea pprezentat fil-25 ta' Awwissu, 2006, li permezz tieghu nghad is-segwenti:

> "Illi r-rikorrenti Victoria Galea u l-intimati Mary Casingena, Margaret Galea, Magdalene Sofia sive Gloria Cuschieri, Sir Alfred Cuschieri u Dr.Anthony Cuschieri huma wlied il-mejtin Salvatore Cuschieri u Angela Cuschieri.

"Illi missierhom Salvatore Cuschieri miet fit-30 ta' Gunju 1993, filwaqt li ommhom Angela Cuschieri mietet fis-27 ta' Marzu 2006.

"Illi l-imsemmija ommhom ghamlet diversi testmenti pubblici kif jirrizulta mill-anness Dok. R1 dwar ricerki ghal testmenti pubblici, u ma nstab l-ebda testament sigriet kif jirrizulta mill-anness Dok. R2 dwar ricerki ghal testmenti sigrieti.

"Illi f'Dicembru 1998 ommhom bdiet tbati mill-marda tad-*dementia* u kienet taht il-kura tal-Konsulent Psikjatra Dr. David Cassar, li kien imur jinvistaha d-dar fuq bazi regolari. Din il-marda avvanzat hafna wara nofs is-sena 1999. Difatti, f'Awissu 1999 kien taha attakk qawwi ta *dementia* tant illi kellha tigi ammessa temporanejament f'Villa Messina, r-Rabat. Ghalkemm inharget ghal perjodu ta' tliet gimghat, hija kellha tigi ammessa mill-gdid f'Villa Messina fit-13 ta' Settembru 1999. Din id-darba hija ddahhlet permanentement. Hemmhekk, minhabba fl-istat mentali taghha, kellha wkoll l-assistenza u sorveljanza ta' *carers* imhallsa.

"Illi fl-20 ta' Dicembru 1999 l-imsemmija ommhom, Angela Cuschieri, giet iccertifikata mill-Konsulen Psikjatra Dr. David Cassar illi kienet disorjentata u dementi. Huwa ccertifika li kienet qed issofri minn '*an early dementing process which impairs her judgement. In view of the above, it is recommended that Mrs Angela Cuschieri be inabilitated or incapacitated legally*'. Dan ic-certifikat mediku, li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa bhala Dok. V, gie mahluf mill-Konsulent Psikjatra fit-23 ta' Ottubru 2000 fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fil-proceduri biex l-istess Angela Cuschieri tigi interdetta. Fil-fatt, Dr Mark Chetcuti gie mahtur fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili bhala kuratur taghha.

"Illi mic-certifikat dwar ricerka ghal testmenti pubblici Dok. R1 irrizulta li l-imsemmija ommhom, fl-istat mentalment alterat li kienet tinsab fih, ghamlet testament fis-7 ta' Dicembru 1999 quddiem in-Nutar Dottor John Gambin (Dok. R2). Dan it-testment sar fid-dar bl-isem 'Hacienda', Ta' Giorni Road, San Giljan. Ghal dan il-ghan, il-konvenuta Margaret Galea hargitha minn kamritha gewwa Villa Messina appozitament bix ghamlet dan it-testment fis-7 ta' Dicembru1999, minkejja li l-konvenuta kienet taf bl-istat mentali taghha u li ma kienitx qed tohrog. Hija ttiehdet lura f'Villa Messina u thalliet isfel, fit-tarag, u giet milqugha mnn wahda mill-*carers*. Evidentement, il-kont notarili thallas minn Margaret Galea ghaliex it-testatrici ma kellhiex flus.

"Illi t-testment li sar fis-7 ta' Dicembru 1999 quddiem in-Nutar Dottor John Gambin sar meta l-istat mentali tat-testatrici kien alterat minhabba marda tal-mohh gia` fi stat avvanzat jigifieri *dementia*.

"Illi kif gie pronuncjat mill-Corte d'appello (Sir Adriano Dingli, Sir Lorenzo Xuereb u l-Imhallef Paolo Vella) fis-sentenza celebri **Nobile Giuseppe**

**dei Marchesi De Piro versus Monsignor Don Salvatore Grech Delicata**, 7 ta' Jannar 1885;

> "Era, quindi, secondo il Diritto Romano, come lo e`, in verita`, secondo la ragione, indiferente quale foss stata la causa della incapacita` mentale, se cioe`, malattia cerebrale o esaurimento di forze naturali per vhecciaja sola, o per vecchiaja od altre concause;"

"Illi l-ligi tqis assolutament inkapaci li jaghmlu disposizzjonijiet testamentarji lil dawk li ma jkunux tajbin minn mohhhom. Ghalhekk, m'hemmx dubju illi t-testatrici kienet inkapaci li taghmel testment validu fis-7 ta' Dicembru 1999.

"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

"(1) tiddikjara illi meta sar it-testment minn omm il-kontendenti Angela Cuschieri fis-7 ta' Dicembru 1999 l-istat mentali tat-testatrici kien alterat minhabba marda tal-mohh gia` fi stat avvanzat, jigifieri *dementia*;

"(2) tiddikjara illi t-testment maghmul minn Angela Cuschieri fis-7 ta' Dicembru 1999 (Dok. 'R2') huwa null u bla effett;

"(3) tordna illi s-successjoni taghha tigi regolata mit-testment jew testmenti precedenti taghha, liema testmenti saru meta hija kienet fi stat mentali tajjeb.

"Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha, tas-6 ta' Ottubru, 2006, li permezz taghha eccepew illi:

"1. Illi t-testment datat 7 ta' Dicembru 1999 minn omm il-kontendenti Angela Cuschieri, huwa validu fil-forma u fis-sustanza tieghu in kwantu maghmul waqt li t-testatrici kienet fil-pieni fakolta` taghha di intendere e volere kif ghandu jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"2. Illi l-incidenti msemmija mill-attrici fil-premessi tar-rikors de quo jirrisalu ghaz-zmien meta l-istess atrici kienet tamministra hi eklussivament mhux biss l-assi u l-patrimonju tat-testatrici, izda kull aspett tal-hajja taghha – tant li spiccat biex gabet lit-testatrici taht il-kontroll u l-biza taghha, b'dan li ghal zmien twil l-esponenti l-anqas biss setghu jaraw jew ikellmu lill-ommhom;

"3. Illi propju f'dan l-istess perjodu l-attrici irrikoverat lit-testatrici go Villa Messina, taht il-kura ta' 'carers' maghzulin minnha u li l-

anqas biss ma kienu l-carers ta' Villa Messina, taht kundizzjonijiet projbitivi u effettivament inadatti u detrimentali.

"4. Illi f'dan iz-zmien, l-esponenti kellhom access ghal ommhom prattikament bis-serqa u deher car ripetutament li ommhom kienet tibza' mill-attrici. L-istess attrici mbaghad ghaddiet biex ipprezentat rikors ghall-interdizzjoni ta' omm il-kontendenti fit-2 ta' Ottubru 2002 – prattikament tlett snin wara d-data tat-testment li llum qed tikkontesta, u wara li kienet ilha tamministra wehidha l-assi ta' omm il-kontendenti minghajr ma tat debitu rendikont. Dwar dan l-esponenti jirrizervaw id-drittijiet kollha lilhom spettanti skond il-ligi.

"5. Illi t-testment ta' omm il-kontendenti jixhed il-volonta` libera tat-testatrici li dejjem kienet tghid li ma riedet tbiddel xejn mid-disposizzjonijiet principali tat-testment unica charta li kienet ghamlet ma' zewgha. Dan l-ahhar testament taghha jirrifletti proprju dan. L-istess ma' jistax jinghad ghat-testment precedenti maghmul fiz-zmin li fih it-testatrici kienet taht il-kontroll komplet ta' l-attrici.

"6. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u id-dritt, u dan kif l-istess attrici taf sew jew imisha taf ben tajjeb, u ghandhom jigu debitament respinti bl-ispejjez kontra l-attrici.

"Salv eccezzjonijiet ohra."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Ottubru, 2017, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

"36.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;
"36.2. Tirrespingi r-risposti tal-intimati;
"36.3. Tirrespingi wkoll t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tal-intimati rikonvenzjonanti;
"36.4. Takkolji r-risposti tar-rikorrenti rikonvenzjonata ghat-talbiet tal-intimati rikonvenzjonanti;
"36.5. Tiddikjara li t-testment tat-testatrici Angela Cuschieri datat is-7 ta' Dicembru, 1999, fuq riferit hu null u minghajr effett stante l-istat mentali alterat tal-istess testatrici rizultat tad-dementia li minnha kienet issofri;
"36.6. Tordna li s-successjoni tal-istess testatrici tigi regolata mit-testment jew testmenti precedenti taghha li saru meta kienet fi stat mentali tajjeb;
"36.7. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati."

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"12.0 Illi fl-essenzjalita` taghhom il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

"12.1. Illi l-kontendenti huma ahwa ulied Salvatore u Angela konjugi Cuschieri, (ara foll 1 u 15);

"12.2. Illi permezz tal-azzjoni odjerna minnha intrapriza, rrikorrenti qed tattakka r-regolarita` tat-testment redatt minn ommha Angela Cuschieri datat is-7 ta' Dicembru, 1999, (ara foll 10);

"12.3. Illi t-testatrici mietet fis-27 ta' Marzu, 2006, (ara foll 1);

"12.4. Illi fl-ahhar fazi ta' hajjitha, bejn wiehed u iehor mill-1999 'l quddiem, it-testatrici kienet bdiet issofri mid-dementia progressiva senjatament "*severe chronic organic brain syndrome*". (ara foll 368);

"12.5. Illi ghal din il-kundizzjoni kienet taht il-kura ta' konsulent psikjatra, (ara foll 70), minn dak il-perjodu indikat fil-paragrafu precedenti sal-ahhar fazi tal-kundizzjoni taghha;

"12.6. Illi f'Awwissu 1999, it-testatrici ddahhlet fid-dar residenzjali bl-isem Villa Messina, (ara foll 34);

"12.7. Illi ghalkemm wara madwar tliet (3) gimghat kien hemm tentattiv mir-rikorrenti biex tibda tiehu hsiebha hi stess id-dar residenzjali taghha, s-sitwazzjoni tat-testatrici kompliet tiddeterjora, u bir-realizzazzjoni li l-istess proponiment kien impossibbli li jkun effettiv, it-testatrici regghet giet introdotta b'mod permanenti fl-imsemmija Villa Messina f'Settembru, tal-istess sena, (ara foll 34);

"12.8. Illi fis-7 ta' Dicembru, 1999, it-testatrici ttiehdet minn bintha l-intimata Margaret Galea biex tirredigi t-testment meritu tal-procedura odjerna, (ara foll 2);

"12.9. Illi skont ic-certifikat mediku rilaxxat mit-tabib kuranti tat-testatrici, il-konsulent psikjatra in dizamina datat l-20 ta' Dicembru, 1999, gie stabbilit li l-istess testatrici, (ara foll 7, 43, 139, 151 u 325):

12.9.1. Hi dizorjentata fir-rigward tal-ambjent u taz-zmien;
12.9.2. Illi l-memorja taghha hi qasira u hazina hafna;
12.9.3. Illi l-abilita` taghha li tikkoncentra hi alterata;
12.9.4. Illi kienet gia` qed issofri minn process demenzjali prekoci, li jimpedilha l-kapacita` taghha ghal gudizzju;
12.9.5. Illi ghalhekk irrakkomanda li l-istess testatrici tigi legalment interdetta;

“Ikkunsidrat:

“13. Illi r-rikorrenti intavolat il-procedura odjerna ghaliex in vista tal-premess, tippretendi li t-testment *de quo* in atti tan-Nutar Dottor John Gambin, datat is-7 ta’ Dicembru, 1999, (ara foll 10), hu null u minghajr effett stante li l-istat mentali tat-testatrici fil-mument meta gie redatt l-istess testment kien alterat in konsegwenza tas-sitwazzjoni mentali rizultanti mid-demenzja riskontratata;

“Ikkunsidrat:

“14.0. Illi f’dan ir-rigward issir referenza ghall-artikli 597 u 599 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-ghan li jkunu t’ghajnuna ghar-risoluzzjoni tal-vertenza in dizamina;

14.1. “597. Huma inkapaci li jiddisponu b’testment:
“d. dawk li, ghalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b’dizordni mentali jew kundizzjoni ohra, li taghmilhom inkapaci li jiehdu hsieb hwejjighom fil-hin li jsir it-testment”;
“14.2. “599. It-testmenti maghmulin minn persuni inkapaci huma nulli, ukoll jekk l-inkapacita` tat-testatur tispicca qabel il-mewt tieghu”;

“Ikkunsidrat:

“15. Illi jirrizulta li l-principji regolatorji f’kawza bhal din in dizamina t’impunjazzjoni ta’ testment minhabba inkapacita` mentali jirrizultaw kompilati fis-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Carmen Josephine Cassar vs. Louis sive Lewis u Margaret Rose konjugi Naudi, datata s-6 t’Ottubru, 2010, li tistabbilixxi s-segwenti:

“Distingwibilment, f’aktar dettal jinsab rikapitulat illi l-principji li ghandhom jircievu applikazzjoni f’kazijiet ta’ impunjazzjoni ta’ testment minhabba insanita` mentali huma dawn li gejjin:

“1. Li l-kapacita` li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l- inkapacita` hija l-eccezzjoni;

“2. Li regola ohra fundamentali hija wkoll dik stabbilita mill- paragrafu (d) tal-artiklu 634 (fil-prezent l-artiklu 597 (d)) tal-Kodici Civili, li huma inkapaci li jiddisponu b’testment dawk li fiz-zmien tat-testment ma jkunux f’sensihom (“of unsound mind”);

“3. Li biex wiehed jaghmel testment ma hemmx bzonn “una mente perfettamente e rigorosament sana, ma basta quell limitato uso della ragione che permetta la coscienza di cio` che si fa; e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori si deve aver riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentaria”, (ara sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni ta’ Torino tal-4 ta’ Frar, 1871);

“4. Li biex tigi stabbilita l-insanita` mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi;

“5. Li l-qrati taghna dejjem kienu renitenti li jammettu d- domandi biex jigi annullat testment minhabba insanita` mentali tat-testatur, jekk din l-inkapacita` ma tkunx irrizultat b’mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li t-testatur kien qieghed jaghmel it-testment”;

“16.0. Illi l-istess principji gew ukoll ribaditi fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Civili fl-ismijiet:

“16.1. Joseph Vassallo et vs. Avv. Dr. Victor R. Sammut et nomine, datata l-24 t’April, 1950, u

“16.2. Giuseppe Formosa et vs. Giuseppe Axiak et datata t-22 ta’ Gunju, 1938;

“Ikkunsidrat:

“17. Illi in vista tal-insenjament suespost ghandu jirrizulta pacifiku li l-presunjoni li tezisti fir-rigward ta’ tali testmenti hi dik favur ilkapacita` tat-testatur li jaghmel testment;

“Ikkunsidrat:

“18. Illi rigward il-prova li ghandha necessarjament tingieb rigwardanti l-istat mentali in dizamina fil-mument ta’ meta t-testatrici in dizamina ghamlet it-testment taghha, senjatament fis-7 ta’ Dicembru, 1999, biex b’hekk jigi

determinat jekk l-istess kienitx *compos mentis* u ghalhekk kapaci tiddisponi minn gidha wara li tghaddi ghal hajja ahjar, terga' ssir referenza ghas-sentenza precitata Cassar vs. Naudi et, (ara paragrafu numru hmistax, (15.), aktar qabel), li f'dan ir-rigward tissottolinea s-segwenti:

> "Fundamentalment, jekk kienitx ta' stat tali li seta' jissoprimi l-attitudni tieghu biex jiddeciedi b'mod koxjenti u liberu. Prova din li, dejjem fuq l-istregwa tal-gurisprudenza enuncjata, trid tkun wahda serja u rigoruza";

"19. Illi l-istess linja rigoruza kienet ukoll emfasizzata fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Joseph Bonavia et vs. Giovanni Bonavia et datata l-20 t'Ottubru, 1971;

"20. Illi ghalhekk l-oneru ta' tali prova tinkombi fuq ir-rikorrenti biex tipprova l-ezistenza tal-inkapacita` mentali bhala rizultat tal-kundizzjoni mentali riskontrata, u dan, fil-mument ta' meta gie redatt it-testment in dizamina;

"Ikkunsidrat:

"21. Illi f'dan ir-rigward din il-qorti ma tistax ma tistriehx fuq l-analisi esperta tal-konsulent psikjatra li fic-certifikat mediku fuq gia` riferit iccertifika li t-testatrici in dizamina effettivament f'dak il-mument partikolari ta' meta sar it-testment, kienet qed issofri minn "*chronic organic brain syndrome*", (ara foll 368);

"22. Illi di piu`, l-istess konsulent isosstni li tali analisi tal-kundizzjoni li t-testatrici kienet qed issofri minnha ma kienitx rizultat ta' ezami partikolari wiehed fir-rigward izda jafferma li: "... dan irid jittiehed fil-kuntest ukoll illi jiena lil Cuschieri ma rajthiex f'okkazzjoni wahda biss, u ma rajthiex biss ghal finijiet ta' dan ic-certifikat, (tas-7 ta' Dicembru, 1999). Jiena kont ilni naraha ghal tul ta' zmien", (kjarifika tal-qorti);

"23. Illi in oltre jigi osservat li r-ricetta tal-Fluanxol datata l-5 ta' Frar, 1999, (ara foll 85), preskritta lill-istess testatrici mill-imsemmi konsulent, kienet intiza biex biha jikkontrolla xi ftit u jimminimizza l-progressjoni tad-dementia li t-testatrici kienet issofri minnha;

"24. Illi ghalhekk, anke l-preskrizzjoni tal-medicina indikata fil-paragrafu precedenti hi indikattiva li l-kundizzjoni debilitattiva li ltestatrici kienet qed issofri minnha kienet ilha li laqtet lill-istess minn perjodu ferm qabel ma gie redatt it-testment in dizamina;

"25. Illi jigi sottolineat, ghalkemm mhux b'mod determinanti, li d-data tac-certifikat mediku tal-konsulent *de quo* - 1 – 20 ta' Dicembru, 1999 – (ara paragrafu numru tnax punt disgha, (12.9.), aktar qabel), hu biss ftit granet wara d-data li fiha gie redatt it-testment in dizamina – 7 ta' Dicembru, 1999, (ara foll 10);

"26. Illi pero`, in vista tal-analisi medika suesposta u tal-istess prossimita` tac-certifikat de quo mal-*punctum temporis* ta' meta gie redatt it-testment, jirrizulta assodat li d-dementia tat-testatrici kienet ilha inkombenti fuqha minn zmien qabel ma kien redatt it-testment *de quo*, u hu indikattiv ukoll l-istat mentali serjament prekarju tat-testatrici meta din irredigiet l-istess testment;

Ikkunsidrat:

"27. Illi ghalkemm iben it-testatrici, mediku insinji li ghamel gieh lil art twelidu, isostni li meta ra lill-mama` tieghu hi kienet mentalment sana, ghandu jinghad li dan ikkonstata dan meta ra fl-2001 – ferm qabel ma l-istess testatrici kienet aggredita bis-sitwazzjoni mentali fuq deskritta, (ara paragrafu wiehed u ghoxrin, (21.), aktar qabel);

"28. Illi di piu`, l-istess affermazzjoni tirrizulta pjuttost preokkupanti meta paragunata ma ittra tal-istess iben it-testatrici datata l-20 ta' Frar, 1999, (ara foll 295), stante li fl-istess ittra jafferma minflok li:

"I was aware that Nanna, (it-testatrici), has been developing senile dementia, (kjarifika tal-qorti);

"Ikkunsidrat:

"29.0. Illi rizultat tal-fatti fuq elenkati jigu sottolineati s-segwenti:

"29.1. Illi t-testatrici giet certifikata li kienet mentalment mhux sana tlettax (13) il-gurnata biss wara li gie redatt it-testment in dizamina;

"29.2. Illi skont l-istess konsulent psikjatra fuq riferit l-istat demenzjali tat-testatrici kien ilu jippersisti fuqha minn zmien ferm qabel l-istess testment;

"Ikkunsidrat:

"30. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghad-deposizzjoni tan-Nutar li rrediga t-testment *de quo* li jigi sottolineat li ghalkemm dan jafferma li meta t-testatrici ttiehdet ghandu

ghal dan l-iskop hu kien jidhirlu li kienet persuna normali, (ara foll 364), tali affermazzjoni fiha nnifisha ma taghti l-ebda certezza xjentifika li fil-fatt it-testatrici kienet *sana di mente*;

“31. Illi del resto Nutar hu persuna istruwita fil-ligi mhux fil-psikjatrija u ghalhekk, il-valutazzjoni tieghu fuq riferita trid ittiehed fil-limiti *de quo*;

“32. Illi l-analisi xjentifikament ippreparata tal-konsulent psikjatra li stabbilixxa li l-istess testatrici kienet qed issofri minn “*severe organic brain syndrome*” timmerita l-avall inkondizzjonat ta’ din il-qorti, (ara foll 369);

“33. Illi *di piu`,* l-istess konsulent jafferma wkoll li l-istess sindromu kien ilhu ghaddej: “... ghal perjodu konsiderevoli, tal-anqas sena”, (ara foll 369);

“34. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi li t-testatrici in dizamina kienet mentalment inkapaci fil-mument ta’ meta gie redatt it-testment taghha tas-7 ta’ Dicembru, 1999, b’mod li ma setghetx taghmel testment validu biex tiddisponi minn gidha wara mewtha;

“Ikkunsidrat:

“35.0. Illi fir-rigward tal-kontro-talba tal-intimati fuq riferiti jinghad sintetikament is-segwenti:

“35.1. Illi in vista tas-suespost it-testment tat-testatrici *de quo* datat is-7 ta’ Dicembru, 1999, qed jigi dikjarat null u minghajr effett;

“35.2. Illi konsegwentement, anke l-artiklu 6 fih inkluz hu wkoll null u minghajr effett;

“35.3. Illi konsegwentement tiddikjara li t-talbiet kollha kontenuti fil-kontro-talba in dizamina qed jigu respinti;”

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti kollha li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti sabiex filwaqt li thassar u tirrevoka d-decizjoni tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili, fl-ismijiet premessi tas-17 ta’ Ottubru, 2017, sabiex minflok filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet taghhom ghat-talbiet tal-attrici

appellata u tilqa' t-talbiet rikonvenzjonali tal-appellanti, tichad it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet taghha ghat-talbiet rikonvenzjonali u dan bil-provvedimenti u modalitajiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-attrici appellata Victoria Galea, li permezz taghha titlob lil din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-appellanti kif kontenuti fl-appell taghhom.

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell waqt is-smigh tal-kawza.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz ta' din il-kawza l-attrici appellata qeghda tattakka l-ahhar testment maghmul minn ommha, Angela Cuschieri, fis-7 ta' Dicembru, 1999, fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin, peress li tikkontendi li l-istat mentali taghha kien alterat minhabba l-istat avvanzat ta' dementia li kienet issofri minnha. Kwindi titlob li l-Qorti tiddikjara tali testament bhala null u bla effett u ghalhekk li s-successjoni tal-istess

testatrici ghandu jigi regolat mit-testment jew testmenti precedenti taghha, meta kienet fi stat mentali tajjeb.

10. Il-konvenuti appellanti jikkontestaw il-pretensjonijiet attrici peress li jikkontendu li t-testatrici kienet fil-piena fakoltajiet taghha u ghalhekk it-testment in kontestazzjoni jirrifletti l-volonta` libera tat-testatrici, li wara kollox jirrifletti l-istess volonta` tat-testatrici meta hija ghamlet it-testment *unica charta.* Mentri t-testment precedenti tas-17 ta' Awwissu,1994, jinghad li kien maghmul meta t-testatrici kienet taht il-kontroll tal-appellata. L-istess konvenuti appellanti ressqu wkoll kontrotalba fil-konfront tal-attrici fejn ai termini tal-Artikolu 6 tal-ahhar testment tal-omm defunta, ladarba l-attrici ma qaghditx ghat-testment in kwistjoni u qeghda tfixkel l-ezekuzzjoni tal-istess, hija ghandha titlef kull beneficcju u tkun intitolata biss ghal-legittima.

11. L-ewwel Qorti filwaqt li cahdet kemm l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif ukoll il-kontro-talba mressqa minnhom, laqghet it-talbiet attrici u ddikjarat it-testment ta' Angela Cuschieri tas-7 ta' Dicembru, 1999, bhala null u minghajr effett, minhabba d-dementia li minnha kienet issofri t-testatrici u ordnat li s-successjoni tigi regolata mit-testment jew testmenti precedenti meta t-testatrici kienet fi stat mentali tajjeb. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

12. Il-konvenuti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interponew appell minnha. L-appell taghhom jissejjes fuq l-aggravju principali li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li jikkuntrasta mal-gurisprudenza kkwotata mill-ewwel Qorti. Filwaqt li jaghmlu referenza ghall-Artikolu 597(d) tal-Kodici Civili, fejn jinghad li huma inkapaci dawk li jiddisponu b'testment, dawk li ghalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b'dizordni mentali jew kundizzjoni ohra li taghmilhom inkapaci li jiehdu hsieb hwejjighom fil-hin li jsir it-testment, isostnu li din l-insanita` mentali tat-testatrici ghandha tirrizulta fil-mument li jkun sar it-testment u ghandha bzonn tirrizulta minn indizji gravi. Isostnu li kien jinkombi fuq l-attrici li tressaq prova preciza dwar l-ezistenza tal-inkapacita` mentali tat-testatrici, mentri f'dan il-kaz tali prova serja ma tirrizultax. Jishqu li ladarba tali indizju gravi f'dan il-kaz ma jirrizultax, isegwi li l-ewwel Qorti ma setghetx ragonevolment tasal li tiddeciedi tannulla u tirrevoka t-testment tas-7 ta' Dicembru, 1999.

13. L-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti njorat l-insenjamenti tal-Qrati taghna fis-sens li, mezz kif wiehed jistabilixxi l-kapacita` mentali tat-testatur huwa li jara jekk dak li jkun hemm fit-testment hux ragjonevoli. Anzi jsostnu li dan l-ahhar testment li qed jigi attakkat, huwa ferm aktar ragjonevoli minn dak precedenti, peress li dak precedenti jiffavorixxi lill-appellata b'mod estrem meta t-testatrici ghaddietilha l-aktar proprjeta` li kellha valur fil-patrimonju taghha. Mentri fl-ahhar

testament in kontestazzjoni l-appellata titpogga fl-istess keffa ta' hutha l-appellanti, kif ukoll tiehu somma ulterjuri ta' €37,000. Jikkritikaw lill-ewwel Qorti meta strahet esklussivament fuq ix-xhieda ta' Dr. David Cassar, li ftit setghet titfa' dawl fuq il-mument li t-testatrici ghamlet it-testment u warrbet provi ohra li huma ressqu li setghu jitfghu dubju fuq dik ix-xhieda. Isostnu li l-ewwel Qorti zbaljat ukoll fl-apprezzament taghha tax-xhieda tal-Professur Alfred Cushieri li xehed li huwa kien ingannat fil-hsieb li ommu kienet dementi, mentri meta gie Malta jinvista lil ommu sabha razzjonali. Hekk ukoll l-appellanti jikkritikaw lill-ewwel Qorti talli skartat ix-xhieda tan-Nutar John Gambin, xhud li huma jiddeskrivu bhala genwin, li kkonferma l-istat mentali tat-testatrici, fil-mument li kienet qeghda taghmel it-testment bhala wiehed li setghet taghmel it-testment, altrimenti ma kienx jippubblikah.

14. Ghandu jinghad mal-ewwel li tabilhaqq skont il-gurisprudenza taghna, hemm prezunzjoni *juris tantum* illi: "*kull min ikun ghamel testment huwa kapaci biex jiddisponi minn beni tieghu; salv prova kuntrarja*". (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Giuseppe Formosa v. Giuseppa Axiak** deciza fl-20 ta' Gunju, 1938, u dik tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Pawlu Farrugia et v. Carmelo Farrugia et** deciza fil-5 ta' Ottubru, 2004). Hekk ukoll, inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-24 ta' April, 1950, fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Vassallo et v. Dr Victor R. Sammut:** "*Ghalhekk il-*

*prezunzjoni juris tantum, hija li min jaghmel testment huwa kapaci biex jiddisponi mill-beni tieghu, salva l-prova kuntrarja li trid issir minn min jagixxi ghall-impunjazzjoni tat-testment.”.* F’dan l-istess kaz il-Qorti elenkat il-principji li ghandhom jigu segwiti f’kazijiet ta’ impunjazzjoni ta’ testament meta testatur ma jkunx f’sensih:

> *“1. Illi l-kapacita` li wiehed jaghmel testment hija r-regola u l-inkapacita’ hija l-eccezzjoni w ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita’, liema presunzjoni hija juris tantum.*
> *“2.Illi huma inkapaci li jiddeponu f’testment dawk li fiz-zmien it-testment ma jkunux f’sensiehom u illi l-inkapacita’ tat-testatur ghandha tigi pprovata minn min irid jimpunja t-testment.*
> *“3.Illi biex testatur ikun kapaci jaghmel testment, ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorosament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettielu li jkun jaf x’inhu jaghmel.*
> *“4.Illi biex tigi stabbilita l-insanita’ mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizi gravi.*
> *“5.Illi l-Qrati taghna dejjem kienu reticenti li jammettu domanda biex jigi annullat testment minhabba insanita’ mentali tat-testatur jekk din l-inkapacita’ ma tkunx tirrizulta b’mod cert minn fatti precizi w univoci w ma jkunx gie provat li kienet tezisti fil-mument li ttestatur kien qed jaghmel it-testment.”*

15. Applikati dawn l-insenjamenti ghall-kaz in ezami, sa fejn l-appellanti jikkontendu li jehtieg li jispetta lill-attrici tipprova li kien hemm indizju gravi bizejjed sabiex issostni l-istat mentali kien tali li rrenda lit-testatrici inkapaci li tiehu hsieb hwejjigha, din il-Qorti, bhal ta’ qabilha, tqis li l-attrici rnexxielha tressaq din il-prova permezz tax-xhieda u c-certifikat tal-konsulent psikjatra Dr. David Cassar tal-20 ta’ Dicembru, 1999 (fol. 43 – 44 tal-process). Tajjeb li jigi citat dak li jinghad mill-psikjatra f’dan ic-certifikat dwar it-testatrici Angela Cuschieri:

> “*She is disorientated to place and time sense and her memory in the short term is very poor.*

*Her ability to attend and concentrate is impaired…Mrs. Angela Cuschieri is suffering from an early dementing process which impairs her judgement.*

*In view of the above it is recommended that Mrs. Angela Cuschieri be inabilitated incapacitated legally.*" (sottolinjar ta' din il-Qorti)

Kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, dan ic-certifikat inhareg mill-konsulent psikjatra, wara li t-testatrici kienet ilha taht il-kura tieghu ghal certu tul ta' zmien - sa minn meta kienet tghix fid-dar taghha f'Hal Balzan ghal madwar sena fejn sab li hija kienet qeghda tbaghti minn *chronic organic brain disorder* fejn il-mohh ma jibqax jahdem b'mod normali (ara xhieda psikjatra a fol. 369).

16. Fix-xhieda tieghu il-psikjatra jispjega li dementia hija forma ta' *chronic organic brain disorder* u li taffetwa il-mohh b'tali mod li l-percezzjoni tal-individwu li jkun qed jara l-affarijiet b'mod li fil-fatt ma jkunx. Wara li t-testatrici giet rikoverata fid-dar tal-anzjani f'Villa Messina, kien jaraha l-klinika tieghu stess. B'mod specifiku jispjega li l-livell konjittiv tat-testatrici baqa' jiddeterjora, tant li aktar ma ghadda z-zmien, l-kapacita` ta' orjentament kien izjed u izjed limitat. Il-psikjatra jixhed f'certu dettall meta jghid li ghalkemm il-pazjenta kienet tkellmu ma kinitx taghrfu, kien hemm zmien fejn kienet tkun agitata hafna, bla sabar u inkwetata li certu affarijiet kienu qeghdin jonqsu mid-dar, u li minhabba f'hekk jiddeskrivihom bhala immaginazzjonijiet taghha li kienu jhalluha disturbata hafna emozzjonalment.

17. Din ix-xhieda tal-psikjatra hija korroborata ukoll mix-xhieda tal-*carers* f'Villa Messina li jiddeskrivu lill-pazjenta bhala li kienet "*disturbed* hafna", u "*demented*" fejn ma kinitx taghrafhom jew tahsibhom irgiel li jkunu dahlu f'darha mal-lejl, jew tkun trid tohrog ghall-quddies f'nofs ta' lejl, jew tghajjat isem ir-ragel taghha li kien nieqes, u xi kultant kienet issir aggressiva wkoll minhabba l-istess kundizzjoni li kellha. Madankollu jista' jinghad li din ix-xhieda mhix daqstant krucjali ghall-kawza, peress li ma tinghatax relattivament ghal zmien specifiku, izda kif inghad diversi drabi, l-*punctum temporis* relevanti huwa z-zmien li fih ikun sar it-testment. Ladarba l-pazjenta damet rikoverata Villa Messina ghal madwar sitt snin din ix-xhieda hija wahda generika.

18. Mhux l-istess jista' jinghad ghall-psikjatra, peress meta mistoqsi mill-Qorti, jekk kunsidrat ic-certifikat mahrug minnu (f'Dicembru, 1999), setghetx it-testatrici taghmel kuntratt, ir-risposta skjetta tal-psikjatra hija fin-negattiv, peress li jispjega li l-gudizzju tal-pazjenta kien affettwat u ghalhekk kien tal-opinjoni li tigi inabilitata u nkapacitata. Ghalkemm huwa kellem lit-tifla u n-neputijiet tat-testatrici li kienu tobba, huwa ghamel l-evalwazzjoni professjonali tieghu sabiex ikollu mohhu mistrieh. Mill-atti jirrizulta wkoll li l-psikjatra kien ippreskriva l-medicina Fluanxol lit-testatrici sa mill-5 ta' Frar, 1999 (a fol. 85 tal-process) li t-tabib jispjega tintuza f'kazijiet ta' *chronic organic brain disorder* u *dementia,* sabiex

kemm jikkalmaw il-pazjent, kif ukoll sabiex jigu koreguti certu hsibijiet hziena jew deluzjonijiet. Il-psikjatra kien konsistenti fix-xhieda tieghu meta msejjah sabiex jixhed diversi drabi ohra quddiem il-Qorti. Izid jghid li huwa rigoruz u josserva l-prekawzjonijiet kollha mehtiega specjalment meta jkun ser johrog certifikat li jaffetwa l-uzu ta' drittijiet civili ta' persuna, li tigi nkapacitata. Il-psikjatra jishaq li fejn jidhol il-gudizzju taghha fuq aspetti finanzjarji u proprjeta` u fil-kuntest tat-twemmin hazin li kellha sforz id-dimentia, hass li l-pazjenta kienet persuna vulnerabbli li kellha tigi nkapacitata, sabiex tigi protetta. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd li kien ezercita xi pressjoni fuqu sabiex johrog ic-certifikat tal-1999, jinsisti li huwa qatt ma hareg certifikat taht pressjoni, altrimenti jkun certifikat falz u li l-konkluzjonijiet medici tieghu, huma bbazati fuq analizi klinika oggettiva u xejn aktar.

19. Din il-Qorti ghamlet referenza estensiva tax-xhieda tal-psikjatra, peress li minnha tohrog ir-raguni ghala l-ewwel Qorti tat piz konsiderevoli lix-xhieda tal-psikjatra, li qajla jista' jinghad li hija generika jew parzjali. Kunsidrata l-istess xhieda, din il-Qorti ma tarax kif jista' jinghad li ma tressaqx indizju gravi tal-inkapacita` mentali tat-testatrici fil-mument relevanti jew dak prossimu. Kunsidrati l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-istess psikjatra tabilhaqq il-konkluzjonijiet milhuqa mill-Ewwel Qorti huma ragjonevoli. Dan aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li l-psikjatra huwa l-aktar xhud li jista' jinghad li huwa indipendenti kunsidrat ix-xhieda

pjuttost parzjali tal-partijiet fil-kawza. Kunsidrat li t-testment in kontestazzjoni sar fis-7 ta' Dicembru, 1999, jigifieri ftit jiem biss qabel li nhareg ic-certifikat tal-psikjatra (fl-20 ta' Dicembru, 1999), din il-Qorti m'ghandhiex serhan il-mohh li t-testatrici kellha l-kapacita` mehtiega li tiehu hsieb hwejjigha fil-mument li sar it-testment, kif titlob il-ligi. Wara kollox, kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Carmelo Mifsud et v. Maria Giordano et,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Marzu, 1952**:**

> "*Ir-regola tal-ligi li huma nkapaci jiddisponu minn hwejjighom dawk li ma jkunux f'sensihom ghandha tigi pprovvduta u sostanzjata minn min ikun qieghed jattakka t-testment minhabba l-inkapacita` u min jimpunja testament ghal vizzju tal-menti tat-testatur mhux biss huwa obbligat jipprova dak il-vizzju**, izda l-prova tieghu ghandha tkun tikkolpixxi wkoll il-mument stess jew iz-zmien prossimu meta sar it-testment.**"* (enfasi ta' din il-Qorti).

20. Tajjeb jinghad ukoll, li certu testimonjanza ghandha tinghata importanza kbira fl-analizi tal-materja odjerna, kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Pawlu Farrugia et v. Carmelo Farrugia et** citata qabel:

> *"Ghandhom ukoll rilevanza qawwija id-depozizzjonijiet ta' nies professjonali, bhat-tabib kuranti tat-testatrici u n-Nutar illi kkonfezzjona t-testment dwar l-istat u l-komportament tat-testatrici fiz-zmien relevanti ………Fattur iehor determinanti sabiex tigi stabbilita s-sanita` mentali tat-testatur, hija r-ragjonevolezza tad-dispozizzjonijiet illi jinsabu fit-testment. Huwa relevanti l-ezami tal-fatt jekk it-testment "e` cosi` fatto da non riscontrarsi in esso alcun segno di stoltezza" u jekk "l'atto porta i caratteri della saggezza".*

21. Filwaqt li din il-Qorti tadotta tali nsenjament, meta wiehed min-naha l-ohra jikkonsidra x-xhieda tan-Nutar John Gambin, (fol. 363 et seq) tabilhaqq ix-xhieda tieghu hija pjuttost generika, fis-sens li ghalkemm

jaghmel premessa li bhala prassi meta huwa jara persuna avvanzata fl-eta` li tmur taghmel testment li mill-*punto di vista* tieghu ma jkunx daqstant lucidu, jinfurmahom li ma jkunx jista' jsir it-testment, inkella jitlob certifikat mediku. Ladarba fil-kaz in ezami ma kien hemm l-ebda cerifikat mediku, dan ifisser li huwa kkonkluda li Angela Cuschieri kienet *compos mentis.* Mistoqsi in kontro-ezami dwar it-testatrici, kif osservat l-ewwel Qorti, n-nutar iwiegeb li "*jidhirlu li iva*" u li "*dehrlu*" li Angela Cuschieri li kienet kapaci taghmel it-testment dakinhar u dak il-hin.

22. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel riferenza ghall-kaz Ingliz fl-ismijiet **Kenward v Adams** tal-1975, fejn il-Qorti osservat:

> *"In the case of an aged testator or a testator who has suffered illness, there is one golden rule which should always be observed, however straightforward matters may appear, and however difficult or tactless it may be to suggest that precautions be taken: the rule is that the making of a will by such a testator ought to be witnessed or approved by a medical practitioner who satisfies himself of the capacity and understanding of the testator, and records and preserves his examination and finding."*

Ghalkemm tali prova xorta tista' tigi kkontestata, jibqa' il-fatt li certifikat simili jipprovdi prova aktar b'sahhitha u toffri serhan il-mohh lin-nutar involut. F'dan il-kaz, ma sar ebda certifikat qabel ma sar it-testment ta' Angela Cuschieri li jista' b'xi mod jikkuntrasta dak ippreparat mill-psikjatra kuranti taghha. Inoltre x-xhieda tan-nutar ma tantx tghin peress li ma tistax titqies daqstant konvincenti. Mill-provi li tressqu, din il-Qorti hija konvinta li n-nutar kellu jinduna li t-testatrici kienet mentalment debboli u s-serjeta` kienet titlob li jinsisti li t-testatrici tigi ezaminata minn

tabib sabiex jinhareg certifikat mediku, dwar jekk kinitx mentalment kapaci taghmel testament dakinhar li ghamlitu.

23. In kwantu ghar-ragjonevolezza tat-testment in kontestazzjoni, ghalkemm mad-daqqa t'ghajn jista' jirrizulta li l-fatt li t-testatrici halliet it-tfal taghha kollha ndaqs bhala xi haga ragjonevoli, kuntrarjament ghal dak li jinghad mill-appellanti, il-kumpens ghall-kura, assistenzi u servigi li l-attrici qeghda tirrendi favur ohtha Magdalene Sofia sive Gloria Cuschieri (persuna bi bzonnijiet specjali) huwa legat ta' Lm3,000 a saldu (ekwivalenti ghal €6,988 u mhux €37,000 kif jinghad mill-appellanti). Dan kuntrarjament ghat-testment precedenti taghha tas-17 ta' Awwissu, 1994, li huwa ferm aktar dettaljat, fejn kienet halliet bhala prelegat il-kontenut kollu tad-dar tal-abitazzjoni taghha lill-attrici, bhala kumpens ghall-kuri, l-assistenzi u s-servigi li hija rrendiet lit-testatrici u lill-mejjet zewgha, kif ukoll legat tal-proprjeta` bin-numri 11 u 12, Triq Bognor Beach, Bugibba u dan bl-obbligu li l-istess legatarja ddur b'bint it-testatrici l-ohra Magdalena Sofia sive Gloria Cuschieri u li zzommha toqghod maghha sakemm ikun umanament possibbli. Inoltre t-testatrici kienet iddikjarat li hija kienet taf li dan il-legat ma kienx kollu proprjeta` taghha peress li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ma' zewgha u ghalhekk ordnat li minkejja dan, l-artikolu jkollu effett shih.

24. Relevanti wkoll f'dan il-kuntest, huma d-disposizzjonijiet proprju li jolqtu t-tifla tat-testatrici bi bzonnijiet specjali, sabiex filwaqt li fit-testment tal-1994, it-testatrici halliet l-uzufrutt, l-uzu, u t-tgawdija tal-flus kollha li hija kellha fil-banek lokali, fl-ahhar testament in kontestazzjoni, id-drittijiet successorji ta' din it-tifla bi bzonnijiet specjali gew ukoll limitati ghas-somma ta' Lm15,000. Dan apparti li, f'dan l-ahhar testment ma sar ebda provvediment ulterjuri li l-ulied l-ohra, jew xi hadd minnhom in partikolari, jiehu hsieb l-istess wild bi bzonnijiet specjali. Huwa risaput li l-genituri jkollhom preokkupazzjoni partikolari fil-kaz ta' wlied bi bzonnijiet specjali u li xi hadd jiehu hsiebhom wara li l-genituri jigu neqsin, kif effettivament ghamlet it-testatrici fit-testment precedenti taghha. Dan jinsab korroborat mix-xhieda ta' wiehed mill-konvenuti, l-Professur Sir Alfred Cuschieri li xehed:

> *"My mother's main preoccupation in the last years of her life was who was going to look after my handicapped youngest sister…she told me that the only way she had thought about it, that she would feel okay if she made a will, reversed the will to leave everything to Victoria…with the provision that she would look after my handicapped sister Gloria after her death…I said to my mother at the time that this would cause a lot of problems in the family but if that is what she wanted I would take her to have her will changed and I took my mother to change her will….In 1994, against my advice, but that's what she wanted and I told Victoria. …I think subsequently my mother changed her mind…She wanted to the will to be changed so that it reflected what my father wanted."*

Ma tinghata ebda spjegazzjoni kif bl-ahhar testment l-omm indirizzat l-preokkupazzjoni taghha li tipprovdi ghall-kura tat-tifla taghha bi bzonnijiet specjali, nuqqas li din il-Qorti ssibha difficli biex tirrikoncilja

mal-preokkupazzjoni li wriet l-omm meta kienet lucida fl-istat mentali taghha. Dan il-fatt fih innifsu jnaqqas mir-ragjonevolezza tat-testment in kontestazzjoni.

25. Din il-Qorti lanqas issib raguni li ticcensura l-apprezzament tax-xhieda tal-konvenut Sir Alfred Cuschieri maghmul mill-ewwel Qorti, ghalkemm dan jixhed li bejn is-snin 1999 u 2001 ommu t-testatrici kienet ghadha *compos mentis,* dan jikkuntrasta ferm mal-korrispondenza li dan ix-xhud kellu mal-attrici. Relevanti huma Dok. AC3 (fol. 295) datat 20 ta' Frar, 1999, fejn jikteb lin-neputi li ommu "*has been developing senile dementia".* Hekk ukoll wiehed ma jistax ma josservax li filwaqt li bejn is-sena 2000 u 2002, permezz tal-korrispondenza esebita bhala Dok. AC 1, Dok. AC2 u Dok AC4 il-konvenut in kwistjoni kien joffri kuragg u farag lill-attrici u fejn ifahharha ta' dak kollu li kienet qeghda taghmel mal-omm, dan jikkuntrasta ferm mal-bidla li sehhet wara l-mewt tal-omm u l-bidu tal-inkwiet bejn l-ahwa. Hekk minn Dok. AC 5 (fol. 297) jirrizulta li dan il-konvenut informa lill-attrici: *"In relation to the action you took to contest the will, an action I find difficult to overlook or forgive, I want you to know that I will do all I can to ensure that you lose the case, not through any vindictiveness but because I cared for our mother."* Isegwi li qajla tista' titwarrab din il-korrispondenza u x-xhieda ta' dan il-konvenut bilfors li trid tittiehed bid-debita cirkospezzjoni.

26. Wara li din il-Qorti rat mill-gdid il-provi in atti, ssib li l-aggravju tal-konvenuti appellanti m'ghandu ebda fundament, in kwantu l-principji gurisprudenzjali citati mill-ewwel Qorti kienu applikati sew. Din il-Qorti waslet ghall-istess konkluzjoni bhal dik ta' qabilha, fis-sens li l-attrici appellata rnexxielha tipprova dak li titlob il-ligi applikabbli u cioe` li tabilhaqq kien hemm ragunijiet gravi bizzejjed li minnhom jirrizulta li t-testatrici ma kellhiex is-sanita` mentali mehtiega fil-mument li sar it-testment jew fiz-zmien prossimu ghalih. Ghalhekk it-testment tas-7 ta' Dicembru, 1999, gustament gie ddikjarat null u bla effett, kunsidrat l-istat mentali tat-testatrici rizultat tad-dementia li kienet tbati minnha u ghalhekk is-successjoni tat-testatrici ghandha tigi regolata bit-testment/i precedenti taghha, meta kellha stat mentali tajjeb.

**Decide**

Ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddeciedi illi tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti appellanti billi tichad l-istess, u s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Ottubru, 2017, fil-kawza fl-ismijiet premessi, qeghda tigi kkonfermata fis-shih.

Bl-ispejjez kollha jithallsu mill-istess konvenuti appellanti *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr